## Kampjonat 1961-62

# Floriana u Valletta jibqgħu leaders

minn **Tonio Farrugia**

### Ir-Raba' Ġurnata

**18-11-1961:**
**Ħamrun Sp. FC – St. Patrick FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: T. Cassar (Ħ) 18' u W. Barbara (S) 66'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Johnnie Fondacaro, Carmelo 'In-Nene' Grech, Silvio Micallef, Pawlu Buttigieg, George Jones, Albert Calleja (Abela 70'), Twanny 'Il-Ginger' Cassar, John 'Il-Bipu' Mifsud (Freddie Galea 31').

**St. Patrick FC:** Charlie Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Joe Degiorgio, Jimmy Casha, Gori Farrugia, Godwin Camilleri, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Joe Vella (Zammit 64').

1. Joe Bugeja rritorna ma' St. Patrick FC wara li kien sieħeb lil Hibernians ftit ġimgħat qabel. Nieqes mill-ewwel ħdax tas-Saints, iżda, kien hemm il-player Charlie Mattocks li kien għadu mhux qed jinżel għat-training b'mod regolari.

**19-11-1961:**
**Sliema Wdrs. FC – St. George's FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skorja: J. Cini (S) 84'**

**Sliema Wdrs. FC:** Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Johnnie Gatt, Joe Aquilina, Salvu Bonnici, Joe Cini, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Robbie Buttigieg, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Sammy Nicholl, John Bonnett (Leli Sammut 46').

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Joe Brincat, George Curmi, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Freddie Demanuele, Freddie Delia, Leli Stivala, Wally Hili, Joe Mizzi.

1. Ġużi Bonnici rritorna għall-Wanderers wara li kien weġġa' fil-partita ta' ħbiberija kontra El Ahli, fi Tripli. Huwa kien tilef il-partita tal-kampjonat kontra Valletta u l-partita ta' Malta kontra n-Norveġja.

2. Sliema kellhom lil Ġulinu Muscat u Tony Griffiths nieqsa. Muscat kien sospiż logħba wara li pprotesta mar-referee fil-partita kontra Valletta filwaqt li Griffiths kien jinsab imweġġa'. Minflok Ġulinu Muscat, iddebutta Charlie Spiteri 'Il-Kiskisell', ex-player ta' Gżira United li kien fil-bidu ta' karriera twila mal-Wanderers.

**25-11-1961:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 4-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Carmel Galea**
**Skurjaw: B. Dalli (F) 27', Ż. Alamango (F) 43', T. Cauchi (F) 51' u C. Bennetti (F) 53'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Lolly Borg, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Żarenu Alamango (Twanny Sultana 46'), Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Birkirkara FC:** Nenu Bugeja, Tony 'Euchar' Grech, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Toni Caruana, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici (Lino Sciberras 46').

1. Floriana tilfu lill-player Nenu MacKay 'Il-Wiżża' wara li, fit-13 ta' Novembru, 1961, ġie sospiż mill-Kunsill tal-MFA għall-kumplament tal-istaġun. Fil-fatt fit-tentattiv tagħhom biex ma jħallux lil MacKay jilgħab ma' Floriana, Valletta kienu daħħlu rapport quddiem l-MFA fejn sostnew li meta l-player kien magħhom kien iffirma kemm bħala amateur biex ikun jista' jilgħab mat-team Olimpiku Malti kif ukoll kien iffirma kuntratt differenti ta' player professjonali. L-MFA ħadet passi kuntrarji għal kif xtaqu Valletta meta ssospendiet lill-player għall-kumplament tal-istaġun, immultat lill-club Belti £25 u ssospendiet lis-Segretarju ta' Valletta FC, Manwel Calleja, għal sitt xhur.

2. Biex ipattu għan-nuqqas ta' MacKay Floriana daħħlu lil Jimmy Farrugia fil-pożizzjoni ta' left back filwaqt li Lolly Borg niżel fil-pożizzjoni ta' wing half.

3. Charlie Bennetti 'In-Najsu' irritorna ma' Floriana wara tliet staġuni jilgħab ma' Rabat FC, fl-Ewwel u fit-Tieni Diviżjoni. Fit-trasferimenti tas-sajf Floriana kienu ħallsu lil Rabat is-somma ta' £140 għall-akkwist tiegħu. Is-somma kienet eżatt l-istess ammont li kienu ħallsu Rabat lil Floriana tliet snin qabel sabiex akkwistawh. Bennetti ttrenja ħafna sabiex jerġa' jiġi fil-forma qabel ma sab postu fl-ewwel team Furjaniż. Bir-ritorn ta' Bennetti n-numru ta' players mit-team taż-żagħżagħ famużi tal-Ajax tas-snin erbgħin, li issa kienu għadhom fit-team Furjaniż telgħu għal erbgħa - Lolly Borg, Pullu Demanuele, Lolly Debattista u Bennetti.

4. Wara l-partita, il-player ta' Floriana, Billy Dalli, kellhom isirulu tliet punti f'saqajh wara daħla kemmxejn goffa li rċieva mingħand ħuh George Dalli li kien qed jilgħab ma' Birkirkara.

5. Il-goalkeeper Ġużi Alamango li, fl-14 ta' Novembru, kien għamel operazzjoni fi driegħu li suppost kellha żżommu għal xahrejn barra mil-logħba beda jinżel għat-training xorta waħda. Fil-ġimgħa ta' qabel din il-logħba, huwa niżel tliet darbiet jittrenja ma' sħabu.

6. Kemm Żarenu Alamango ta' Floriana kif ukoll Frans Bonnici ta' Birkirkara ġew mibdula fil-mistrieħ wara li weġġgħu fl-ewwel taqsima. Alamango reġa' ħass l-uġiegħ fl-irkoppa.

**26-11-1961:**
**Valletta FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: John Galea**
**Skorja: M. Azzopardi (V) 19'**

**Valletta FC:** Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Josie Urpani, Joe Cilia, John Darmanin (Joe Attard 68'), Joe 'Il-Ginger' Zammit, Frankie Zammit, Mario Azzopardi, Nenu Chircop (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 46'), Alfred 'Il-Waniż' Borg.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, John 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Henry Vella (Victor Grima 46'), Emric Ellul, Jimmy Mizzi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb (Charlie 'Il-Kinnie' Schembri 68').

1. Waqt laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ħamis, 23 ta' Novembru, kien ġie deċiż li l-partita tintlagħab il-Ħadd fl-10.30 a.m. minflok fit-2.45 p.m. kif kien il-ħin oriġinali minħabba li wara nofs in-nhar kienet ser issir attività reliġjuża fuq il-Fosos tal-Furjana bi protesta kontra l-wasla f'Malta ta' Delegazzjoni Internazzjonali tas-Soċjalisti.

2. Valletta kienu qed jilagħbu mingħajr Pawlu Carbonaro li kien ġie sospiż logħba wara li tkeċċa fl-aħħar ħarġa kontra Sliema Wanderers.

3. Mario Azzopardi ta' Valletta u Leli Attard ta' Hibernians tkeċċew kwarta mit-tmiem wara nkwiet bejniethom. L-inkwiet kien inqala' wara li Azzopardi kien xejjer daqqa ta' sieq lil Andrew Ellul.

4. Minuta qabel tmiem il-partita Louis Theobald falla penalty għal Hibernians meta x-xutt tiegħu spiċċa barra.

5. Ir-referee Galea kien ikkontestat miż-żewg naħat fuq diversi deċiżjonijiet li kellu. Huwa naqas li jinnota żewġ penalties favur Hibernians fi spazju ta' żewġ minuti meta, l-ewwel Joe Cilia u warajh is-sostitut Joe Attard, it-tnejn missew il-ballun b'idejhom fil-penalty area Beltija, filwaqt li minuta mit-tmiem ordna penalty favur Hibernians għal handsball tal-'Waniż' Borg li fil-fatt ma kienx meta Borg deher li ntlaqat f'ġenbu

mix-xutt ta' Eddie Theobald. Il-Waniż kellu jiġi miżmum minn sħabu meta deher li ried iħebb għar-referee. F'okkażjoni oħra r-referee dam tliet minuti biex induna li kien hemm Charlie Schembri li ried jidħol bħala sostitut.

6. Josie Urpani irritorna fit-team Belti. Fis-sajf huwa kien iffirma bħala player-coach ma' Marsa FC fit-Tieni Diviżjoni imma wara li Valletta baqgħu jopponu għal dan it-trasferiment il-player kellu jirritorna magħhom. Kellhom jgħaddu ftit aktar ġimgħat qabel il-player irranġa d-differenzi u reġa' beda jinżel magħhom. Urpani kien diġà lagħab ma' Valletta fit-8 ta' Novembru 1961 kontra Combines Services (3-1) f'partita għall-kairta b'riżq il-Poor Childrens' Fund.

7. Hibernians ħabbru li l-player tagħhom Eddie Theobald kien qaleb minn Amateur għal Professional fejn kien ser jitħallas £500 kull staġun.

**Klassifika**: Valletta FC u Floriana FC 8 pti.; Sliema Wdrs. FC 5 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 3 pti.; St. George's FC u Ħamrun Sp. FC 2 pti.; St. Patrick FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers**: B. Dalli (Floriana FC) 5 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u M. Azzopardi (Valletta FC) 4 goals; F. Zammit (Valletta FC) u F. Delia (St. George's FC) 3 goals.

## Il-Ħames Ġurnata

**02-12-1961:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Frans Grech**
**Skurjaw: F. Vella James (F) 24' u T. Cauchi (F) 66'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Żarenu Alamango, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Johnnie Gatt, Joe Cini, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Ġulinu Muscat, Tony Griffiths, Sammy Nicholl.

1. Sliema kienu għadhom ma bdewx jagħmlu użu mis-servizz ta' Alex Gollcher, li kien irritorna Malta minn kors fl-Ingilterra, fid-19 ta' Novembru, 1961, u kien qed jittrenja mill-ġdid mal-club Slimiż.

2. Żarenu Alamango kien fit-team Furjaniż minkejja li kien għadu jħoss l-uġiegħ fl-irkoppa mill-aħħar ħarġa kontra Birkirkara.

3. L-attendenza ta' 8,000 spettatur għal din il-partita minkejja li hija mdaqqsa iżda kienet meqjusa bħala folla miżera meta wieħed jikkunsidra li kienu qed jiltaqgħu r-rivali Sliema u Floriana. In-nuqqas ta' attendenza f'dan il-kampjonat kienet l-aktar minħabba li l-MFA kienet għolliet il-prezz tad-dħul fil-ground għal żewġ xelini biex ittaffi ftit mit-telf finanzjarju ta' £800 li kienet għamlet mill-partita kontra n-Norveġja (1-1) tal-5 ta' Novembru. Il-miżura tal-MFA iżda kellha effetti kuntrarji minħabba li naqset l-attendenza u naqas id-dħul.

**03-12-1961:**
**Birkirkara FC – St. Patrick FC 3-2**
**H.T 1-0**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: T. Caruana (B) 31', T. Baldacchino (S) 51', T. Caruana (B) 66', F. Bonnici (B) 76' u W. Barbara (S) 83'.**

**Birkirkara FC:** Nenu Bugeja, John Camilleri, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, Lolly Borg, George Dalli, Toni Caruana, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Emmanuel Tonna, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

**St. Patrick FC**: Charlie Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, George Busuttil, Joe Degiorgio, Jimmy Casha, Zammit, Godwin Camilleri, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Charlie Mattocks.

1. Toni Caruana skorja żewġ goals oħra. Wara sena u nofs nieqes mil-logħba minħabba sospensjoni, minn meta rritorna diġà skorja erba' goals fi tliet logħbiet.

2. St. Patrick lagħbu lil Tony Baldacchino fil-pożizzjoni nsolita ta' centre forward minħabba li kellhom lil Toninu Camenzuli nieqes.

3. L-iżgħar folla tal-istaġun attendiet għal din il-partita.

**09-12-1961:**
**Hibernians FC – St. George's FC 5-0**
**H.T 3-0**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: F. Church (H) 32', J. Mizzi (H) 35', 44' u 55' u E. Theobald (H) 74'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Emric Ellul (Victor Grima 46'), Louis Theobald, Sunny Anastasi, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Freddie Church, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Joe Brincat, Ernie Glynn (Leli Stivala 46'), Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Freddie Demanuele (Joseph Mizzi 46'), Freddie Delia, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Wally Hili.

1. Freddie Church irritorna ma' Hibernians b'goal wara li skonta sospensjoni ta' sena u nofs. Is-sospensjoni kienet ingħatatlu wara li kien attakka lir-referee Joe Cassar Naudi fil-kwarti finali tal-FA Trophy kontra Valletta (0-2) fid-29 ta' Mejju 1960. Oriġinarjament is-sentenza kienet ta' tliet snin iżda huwa skonta biss nofs is-sentenza meta ngħata l-maħfra mill-MFA. Church fil-fatt kien diġà lagħab mar-Reserves ta' Hibernians kontra Valletta, il-Ħadd ta' qabel.

2. Min-naħa tagħhom St. George's kellhom lura fit-team lil Nenu Mizzi 'Il-Beċċun' li skonta sospensjoni ta' partita u lil Ġużi Ciantar 'Il-Felli' li kien ilu nieqes għal iktar minn sena. Fl-istaġun ta' qabel Ciantar kien lagħab partita waħda biss meta kien irritorna minn operazzjoni tal-cartilage iżda kien deher tqil u ma kienx reġa' lagħab.

3. Hibernians kienu mingħajr il-player Leli Attard li ġie sospiż partita, wara l-inċidenti li kellu ma' Mario Azzopardi ta' Valletta fl-aħħar ħarġa.

4. Hibernians reġgħu fallew penalty ieħor. Din id-darba kien Sunny Anastasi li falla milli jiskorja meta bl-iskor għadu ma nfetaħx il-goalkeeper Albert Borg salvalu l-attentat tiegħu fl-20 minuta.

5. Hibernians suppost li kellhom jilagħbu fil-Final tax-Scicluna Cup li soltu kienet tintlagħab fit-8 ta' Diċembru, iżda minħabba dan l-impenn il-Final tħassret u minflokha ntlagħbet partita ta' ħbiberija bejn Sliema Wanderers u Malta U/23 li ntrebħet mill-Wanderers 2-1. Il-Final tax-Scicluna Cup ġiet trasferita, għall-14 ta' Jannar, 1962.

**10-12-1961:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: A. Borg (V) 5', T. Cassar (Ħ) 29' u N. Chircop (V) 70'.**

**Valletta FC:** Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Nenu Chircop, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Silvio Micallef, Carmelo 'In-Nene' Grech (Freddie Galea 85'), Elia Calleja, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Albert Calleja (Gejtu Briffa 46'), Abela, George Cuschieri, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. L-Ispartans introduċew xi players ġodda għal din il-partita. Elia Calleja u George Cuschieri kienu qed jiddebuttaw mal-Ispartans filwaqt li Ġużi Dimech kien qed jidher għall-ewwel darba dan l-istaġun. George Cuschieri kien sieħeb lil Ħamrun Spartans mingħand Gżira United fit-trasferimenti tas-sajf.

2. Mario Azzopardi ta' Valletta kien nieqes wara li ġie sospiż partita meta tkeċċa kontra Hibernians.

3. It-tieni taqsima ta' din il-partita ntlagħbet taħt xita kontinwa.

4. Grech 'In-Nene' ħalla l-ground wara li weġġa' fejn minfloku daħal il-player tal-Minors Freddie Galea.

5. Valletta tilfu lill-coach tagħhom Karm Borg, 30 sena, li nħatar coach tat-team nazzjonali minflok Joe Griffiths li kien f'din il-kariga sa tmiem l-istaġun 1960-61. Borg kien ex-player ta' Melita u Sliema Wanderers qabel sieħeb lil Valletta fl-1956 fejn wara li lagħab xi partiti fl-ewwel team Belti huwa kien sar coach tat-timijiet tal-Minors, Reserves u Under 21 qabel ħa f'idejh it-tmexxija tat-team tal-kbar. Minfloku Valletta ħatru lill-Ingliż John Toulock, li fl-istaġun 1959-60 kien ikkontrolla l-partita tal-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni bejn Hibernians u Birkirkara.

6. L-Ispartans kellhom lura lill-coach Salvinu Schembri li kien irritorna minn Ċipru fejn kien mal-Armata.

**Klassifika:** Valletta FC u Floriana FC 10 pti.; Sliema Wdrs. FC, Birkirkara FC u Hibernians FC 5 pti.; St. George's FC u Ħamrun Sp. FC 2 pti.; St. Patrick FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** T. Cauchi u B. Dalli (Floriana FC) u J. Mizzi (Hibernians FC) 5 pti.; M. Azzopardi (Valletta FC) u T. Caruana (Birkirkara FC) 4 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC); F. Delia (St. George's FC) u F. Zammit (Valletta FC) 3 goals.